**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Jonathan Ransley**

**VS**

**Daniela Spiteri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Daniela Spiteri ta' 62 sena, bint Carmelo u Mary nee' Spiteri, mwielda Pieta' fit- 22 ta' Dicembru 1961, residenti Milton, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 22282M;

Talli;

1) F' dawn il-gzejjer fit-3 ta' Jannar 2014, minn gewwa l-istabbiliment Zara, Triq ix-Xatt, Sliema ghal habta tat-19.45hrs ikkommetta serq ta' diversi oggetti li jikkonsistu fi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li

jeccedi €232.94 liema esrq huwa aggravat ukoll bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Malcolm Ian Attard; ID 394873M u/jew ta' persuni ohra;

2) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu 2014 minn gewwa l-istabbiliment Monsoon Triq Bisazza, Sliema ghal habta tal- 16.00hrs ikkometta serq ta' diversi oggetti li jikkonsistu fi hwejjeg ghal valur ta' €130 u li sar ghad-dannu ta' Andrea Arabella Attard 132899M u Francesca Stafrace 292887M u/jew persuni ohra;
3) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
4) Aktar talli kiser il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 25 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal-Magisttrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
5) Akkuzata talli rrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-3 ta' Jannar 2014, u fit-22 ta' Marzu, 2014, il-Pulizija kienet irceviet rapport li nsterqu xi oggetti ta' hwejjeg minn zewg stabbilimenti fix-Xatt ta' Tas-Sliema. L-ewwel

rapport kien sar mill-hanut bl-isem Zara, mentri t-tieni rapport kien sar mill-hanut Monsoon. Fiz-zewg okkazjonijiet, kienet inqabdet l-imputata bi hwejjeg minn dawn iz-zewgt ihwienet fil-pussess taghha, u hargithom minghajr ma kienet hallset taghhom. Il-Pulizija kellmet lill-imputata, u ttiehdu zewg stqarrijiet, wahda fl-14 ta' Jannar, u l-ohra fit-23 ta' Marzu, 2014, fejn fl-ewwel wahda l-imputata ammettiet li kienet hadet il-hwejjeg minn ghand Zara, izda fit-tieni wahda innegat, minghar ma tat spjegazzjoni kief kellha fil-pussess taghha hwejjeg mhux imhallsa u mehuda mill-hanut Monsoon. Hi tressqet b'arrest fl-24 ta' Marzu, 2014, u b'hekk inbdew dawn il-proceduri.

Bhala provi, il-Prosekuzzjoni tellghet lis-surgenti PS 340 Leeroy Balza u lil PS 463 Christopher Ellul, li kienu l-persuni li marru fuq il-post u hadu r-rapport tas-serqa. Dawn iz-zewg rapporti gew ikkonfermati mill-Ufficjali tal-Pulizija li hadu l-istess rapport. Xehed ukoll Christian Bugeja, security mal-hanut Zara, li kkonferma li kien waqqaf lill-imputata hierga mill-hanut bi hwejjeg mhux imhallsa. Kien induna biha peress illi kienet hadet l-alarm tal-hanut hekk kif hi harget minn hemm. Gew esebiti wkoll l-istqarrijiet tal-imputata, li l-Qorti gia' ghamlet referenza ghalihom hawn fuq, kif ukoll giet esebita sentenza datata 25 ta' Settembru, 2013, fil-konfront tal-imputata, ghallfinijiet tar-raba' imputazzjoni, cioe' dik ta' ksur ta' ordni ta' Probation. Ma giet presentata ebda sentenza ghall-finijiet ta' recidiva.

Id-difiza ghazlet li ma ttella' ebda provi.

Minn dawn il-provi inkontestati, il-Qorti qed issib htija fl-imputata ghaz-zewg serqiet imsemmija. Hi inqabdet in flagrante delicto bil-hwejjeg misruqa hierga miz-zewg hwienet fid-dati msemmija, u mentri f'wahda ammettiet, fl-ohra ma tat ebda spjegazzjoni logika ghalfejn kellha dawk il-hwejjeg fuqha. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li ssibha hatja u tghaddi biex taghti s-sentenza. L-addebitu tar-recidiva ma gietx ippruvata – ghalkemm il-fedina penali tindika li l-imputata kienet inghatat diversi opportunitajiet biex tbiddel hajjitha. Il-Qorti thossha perturbata meta tigi rinfaccata b'persuna li tibqa' tippersisti f'hajja ta' serq minn hwienet, presumibbilment minhabba fil-vizju mishut tad-droga. Il-Qorti tissimpatizza mal-vittmi tad-droga, izda ma tistax tinjora d-drittijiet tas-sidien tal-

hwienet u tac-cittadini ordinarji li jsofru telf minhabba f'dan is-serq. Ghalhekk il-Qorti ser ikollha taghti piena li tirrestringi l-liberta' tal-persuna, bit-tama li din isservi biex l-imputata tiehu l-ghinuna kollha necessarja biex tohrog minn dan ic-cirku ta' droga.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 287, 284, 270, 334, 49, 50 u 289 tal-Kap  9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u ghat-tieni, dawk ta; serq.

Din il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant tikkundannaha sena prigunerija.

Tastjeni milli taghti provvediment fuq ir-raba' (4)  imputazzjoni, fuq il-ksur ta' ordni ta' probation.

Ma ssibhiex hatja tal-addebitu tar-recidiva.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**